Verżjoni Elettronika

A.L. 49 tal-2023

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-INCOME (KAP. 123)

Regoli tal-2023 li jemendaw ir-Regoli dwar Rimborż tat-Taxxa (Pensjonanti)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 14(2) u 96 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, il-Ministru responsabbli għall-finanzi għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli hu r-Regoli tal-2023 li jemendaw ir-Regoli dwar Rimborż tat-Taxxa (Pensjonanti) u dawn ir-regoli għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regoli dwar Rimborż tat-Taxxa (Pensjonanti), hawn aktar 'il quddiem imsejħa "r-regoli prinċipali". L.S. 123.174.

(2) Dawn ir-regoli għandhom japplikaw fir-rigward ta' dħul maqlugħ fi jew wara l-1 ta' Jannar 2023.

Temenda r-regola 3 tar-regoli prinċipali.

2. Ir-regola 3 tar-regoli prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) fil-proviso għas-subregola (1) tagħha, il-kliem "ma jaqbiżx €783." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "ma jaqbiżx €880.";

(b) fil-proviso għas-subregola (2) tagħha, il-kliem "ma jaqbiżx €573." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "ma jaqbiżx €670."; u

(ċ) fil-proviso għall-paragrafu (a) tas-subregola (3) tagħha, il-kliem "ma jaqbiżx €243" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "ma jaqbiżx €340".